**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 105 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Alexander Michael Mifsud**

Illum 16 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Alexander Michael Mifsud detenur tal-karta tal-identita Maltija 445681 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Novembru, 2020 ghall-habta ta' bejn is-07:30hrs u s-07:45hrs waqt li kont gewwa l-fond 107, Holy Ghost, Triq Bugharbiel, Zejtun:

1. Minghajr ma drabt jew sawwat, heddidt bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabthom jew qbadt armi ohra kontra l-persuna ta' ommok Ganna Mifsud.
2. Ghamilt lill-persuna ta' ommok Ganna Mifsud ngurji mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kont ipprovokat, ingurjajt b'mod li hrigt barra mill-limiti tal- provokazzjoni.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ganna Mifsud u l-familja taghha.'

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 339 (1) (b) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn sabet lill- imputat hati tal-ewwel akkuza, u kkundanat lill-imputat ghal multa ta' hamsin Ewro (€50) izda ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni akkuza u konsegwentement illiberatu minnha.

Rat ukoll li l-Ewwel Qorti ordnat ukoll il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artiklu 382 A fil-konfront tal-imputat favur ommu Ganna Mifsud ghal zmien sitt xhur mil-lum.

Rat li l-Ewwel Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alexander Michael Mifsud, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-13 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s- sentenza appellata u dana billi:

1) Tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni;

2) Jekk tilqa' l-aggravvju immarkat bhala B, tiddikjara illi l-azzjoni kriminali hija wahda preskritta; u

3) Fi kwalunkwe kaz, tiddikjarah mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentament tilliberah minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appell prezentata mill-appellant nhar it-13 ta Marzu 2023 fejn ecepixxa li hemm:-

**A. <u>Nuuqas ta' apprezzament tal-provi in konnessjoni mal-Ewwel Imputazzjoni</u>**

L-artikolu 339 (1) (e) tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, minghajr ma jidrob jew isawwat, jhedded bil-gebel jewbi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbadarmi ohra kontra n-nies"

**A.1 Dwar Ir-Regola tal-'Hearsay evidence'**

Principarjament referenza sejra ssir ghall-affidavit ta' WPS223 Charlene Calleja, senjatament ghal dak allegatament mistqarr mill-parte civile fir-rigward tar-rapport illi wassal ghall-proceduri odjerni.

WPS223 Calleja tixhed permezz tal-affidavit taghha illi:

"Peress li Ganna Mifsud ma kienitx f'posizzjoni li tohrog mir-residenza taghha sabiex taghmel rapport, PC1411 mill-ghassa taz-Zejtun irrikorra gewwa l-imsemmija residenza sabiex tittiehed il-verzjoni taghha"

WPC223 imbaghad tkompli permezz tal-affidavit taghha tixhed dwar dak illi qallilha PC1411 a bazi ta' dak illi allegatament qaltlu Ganna Mifsud.

Illi konsegwentament dak mistqarr minn WPC223 fl-affidavit tagha senjatament ghall-verzjoni illi ghogobha taghti Ganna Mifsud, ma jammonta ghalxejn ghajr ghal '*hearsay evidence*' jew kif inhu maghruf ukoll bhala *detto del detto.*

Fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, l-esponenti sejjer jaghmel referenza ghal sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali ppreseduta mill-Onor. Imhallef L. Quintano deciza nhar l-24 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi'</u>** fejn il-Qorti rriteniet illi:

> "Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 rezi applikabbli ghall-Kap. 9 blartikolu 645 tal-Kap. 9.
>
> …
>
> Il-kaz li mhux l-ewwel darba li gie citat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawzi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct

thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

In oltre qieghda ssir referenza ghal sentenza iktar ricenti f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1] deciza nhar it-30 ta' Jannar, 2020 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Anne Carmen Zelbst'** fejn il-Qorti rriteniet illi:

*"16. Il-Qorti tghazel li temmen lill-kwerelanta dwar it-tghajjir u insulti. Kwantu, izda, dwar il-ksur ta' bon ordni u paci pubbliku, l-provi m'humhiex daqshekk sodi ghaliex dak li ghallkwerelanti jista' jammonta ghall-storbju mhux necessarjament jirraviza dik l-inkolumita' u biza fin-nies tant li jammonta ghad-disturb tal-paci pubbliku. L-fatt illi l-kwerelanta tghid illi l-ghada, l-girien staqsewha x'kien gara, hija biss hearsay u mhix prova ta' dak li fil-fatt gara;*

*17. Ghal dawn ir-ragunijiet, qed issib lill-imputata hatja talewwel imputazzjoni, ma ssibhiex hatja tat-tieni imputazzjoni u tilliberaha minnha u tikkonferma n-nuqqas ta' htija u liberazzjoni taghha mit-tielet imputazzjoni;"*

Dan kollu qieghed jinghad ghalhiex ghalkemm Ganna Mifsud ttelghet sabiex tixhed nhar l-24 ta' April, 2023, il-verzjoni illi l-istess xhud tat fuq il-pedana tax-xhieda kienet kemmxejn differenti minn dak illi allegatament stqarret mal-Pulizija nhar it-3 ta' Novembru, 2020.

Ghaldaqstant fl-umli fehma tal-appellant, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tibbaza l-gudizzju taghha fuq dak li allegatament stqarret Ganna Mifsud ma' PC1411 hekk kif rrakuntat fl-affidavit ta' WPS223 izda kellha tibbaza d-decizjoni taghha biss a bazi ta' dak illi Ganna Mifsud xehdet fuq il-pedana tax-xhieda.

[1] Per Onor. Imhallef G. Grixti

**A.2 Dwar l-Elementi illi jsawwru l-kontravvenzjoni that l-artikolu 339(1)(b)**

Dan l-aggravju qiegħed jiġi mressaq 'il quddiem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti.

Illi d-dicitura tal-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tippresupponi illi sabiex imputat jista' qatt jinstab hati ta' din il-kontravvenzjoni, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli diversi elementi legali illi jsawwru tali kontravvenzjoni.

In oltre mill-istess dicitura tal-Ligi, ghall-kuntrarju ta' dak illi kkonkludiet l-ewwel Onorabbli Qorti, tali disposizzjoni ghalkemm tinkludi elementi alternattivi madanakollu hemm elementi kumulattivi illi ghandhom japplikaw ghal kull alternattiva prospettata fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9.

Ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, l-elementi illi ghalihom qieghed jaghmel referenza l-appellanti huma s-segwenti:

1. Minghajr ma jidrob jew isawwat;
2. Jhedded bil-gebel JEW bi hwejjeg ohra iebsin JEW iwaddabhom JEW jaqbad armi ohra;
3. Kontra l-persuna ta' Ganna Mifsud.

Id-dicitura tal-ligi hija wahda carissimma u daqstant iehor hija cara kristallina l-interpretazzjoni illi l-gudikant ghandu jaghti lil din id-disposizzjoni legali.

L-unici elementi alternattivi huma dawk imsemmija fit-tieni element hawn fuq imsemmijin. Ghaldaqstant sabiex setghet tinstab htija, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-ewwel u t-tielet elementi fil-waqt li torbot tali elementi ma' xi wiehed mill-alternattivi prospettati fit-tieni element supra riferit, sabiex hekk tlett elementi kumulattivi jigi ppruvati.

Dak illi qieghed jilmenta minnu l-appellant jirrivolvi madwar it-tielet element, ossia fil-waqt illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi:

a) L-appellant qatt ma darab jew sawwat lil Ganna Mifsud; kif ukoll li
b) Qabad u waddab hwejjeg iebsin;

Madanakollu tifli kemm tifli l-atti processwali minn imkien ma jirrizulta illi tali hwejjef gew maqbuda u jew imwaddbin kontra l-persuna ta' Ganni Mifsud.

Xhieda ta' dan hija t-testimonjanza fuq il-pedana tax-xhieda tas-Sinjura Ganna Mifsud.

Fil-fatt ghalkemm is-Sinjura Mifsud tixhed illi l-appellant sabbat siggu, qabad xi bramel u waddabhom kif ukoll mess cilindru tal-gass illi kien fil-bitha, fl-ebdu moment matul id-depozizzjoni taghha ma tixhed illi dawn gew mwaddba fid-direzzjoni lejha u jew ghad-dirittura li hija b'xi mod jew iehor giet mhedda illi kienu ser jitwaddbu lejha.

L-appellant, ghalkemm ma xehedx fil-proceduri odjerni, madanakollu l-istqarrija rilaxxat minnu nhar it-3 ta' Novembru, 2020 tikkombaca ma' dak illi effettivament xehdet is-Sinjura Ganna Mifsud fuq il-pedana tax-xhieda.

Fil-fatt, harsa lejn l-affidavit ezebit ta' WPS223 Charlene Calleja turi kif l-appellant stqarr:

> "…ametta li sabbat siggu mal-art u meta hareg fil-bitha wara ommu qabad cilindru tal-gas u sabtu fuq l-istess maduma li kien qieghed fuqha izda fl-ebda hin ma kien ha jwaddbu direzzjoni lejn ommu, kif wkoll zied li l-bramel taz-zibel qabadhom u waddabhom fil-bitha"

Konsegwentament fid-dawl tal-fatt illi tifli kemm tifli l-atti processwali minn imkien ma jirrizulta illi tali hwejjeg fl-ebda moment ma gew maqbuda u/jew imwaddba "kontra l-persuna ta' Ganna Mifsud", din il-kontravvenzjoni ma setghet qatt tirrizulta.

*In poche parole,* fid-dawl tal-massima legali *'quod non est in actis non est in mundo',* tenut kont tal-principku bazilari fil-ligi penali illi l-ligi penali ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, kif ukoll in vista tal-principju *'in dubio pro reo',* gialadarba dan l-element baqa' qatt ma gie ppruvat, l-esponenti ma setgha qatt jinstab hati ta' din il-kontravvenzjoni.

**B. <u>Dwar il-Kwistjoni ta' Preskrizzjoni</u>**

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent.

Illi kif jixhed il-verbal tas-seduta ta' nhar l-24 ta' Frar, 2023, l-appellant talab *"prova ta' notifika tal-imputat stante li jista' jkun li l-kawza hija wahda preskritta"*

Madanakollu l-Prosekuzzjoni ddikajrat illi *"hija sprovvista mill-istess [riferta] stante li din il-kawza hija kawza ta' vjolenza domestika u ghalhekk in-notifika tinsab ghand skwadra ohra"*

Huwa minnu wkoll illi stante li mix-xhieda ta' Ganna Mifsud kif ukoll mill-provi l-ohra kollha pprezentati mill-Prosekuzzjoni, fl-umli fehma tal-appellant, l-ebda imputazzjoni ma setghet qatt tirrizulta, l-appellant irrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni – fatt illi jirrizulta b'mod indubitat mill-verbal tal-istess seduta.

Madanakollu, minkejja tali rinunzja ghandu jigi mfakkar wkoll illi l-element ta' preskrizzjoni huwa element illi jista' jkun sollevabbli mill-Qorti *ex officio.*

Tant hu hekk illi l-aritkolu 694 tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> *"Il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti ex officio, u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha."*

Illi konsegwentament jekk dina l-Onorabbli Qorti jirrizultalha illi l-appellant gie notfikat bl-akkuzi migjuba kontra tieghu wara l-perjodu ta' tlett xhur mid-data msemmija fil-komparixxi kif ukoll jekk tali riferta tibqa' ma tigix ezebita, dina l-Onorabbli Qorti ma jkollhiex alternattiva ohra ghajr illi tiddikjara illi tali azzjoni kriminali hija wahda preskritta.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta Mejju 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi fit-tieni aggravju tieghu minkejja li din hi eccezzjoni preliminari id-difiza eccepiet l-preskrizzjoni tal-azzjoni w ghalhekk din il-Qorti trid l-ewwel tikkunsidra tali eccezzjoni qabel ma titratta il-mertu u dan ghaliex jekk verament l-kawza hija preskritta hija ghandha tieqaf hawn u tiddikjara il-procediment bhala wiehed estint.

Illi l-prosekuzzjoni harget l-akkuzi fil-konfront tal-appellant nhar is-27 ta' Novembru, 2023 u l-kawza giet appuntata ghall-11 ta' Marzu, 2023. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li z-zewg akkuzi moghtija mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant odjern huma kontravenzjonali kif disposti fl-artikolu 339 (1) (b) u l-artikolu 339 (1) ( e) tal-Kodici Kriminali. Illi f'kaz ta' htija l-piena applikabbli hija dik ai termini tal-artikolu 7 (2) (b) tal-Kodici Kriminali u cioe' ammenda u l-perjodu preskrittiv hija dik ta' tlett xhur u ghalhekk huwa l-artikolu 688 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa applikabbli bhala l-perijodu preskrittiv. Skont l-artikolu 691, il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-Ligi u ghalhekk mit-3 ta' Novembru, 2020. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha kellha tkun il-prosekuzzjoni li tipprova li l-appellant kien gie notifikat f'xi zmien bejn it-3 ta' Novembru, 2020 u it-3 ta' Frar, 2021 liema prova ma tirrizultax mill-atti.

Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Renald Micallef** [2] In-notifika ta' atti gudizzjarji trid tirrizulta mill-atti. L-istitut tal-preskrizzjoni fil-kamp kriminali huwa materja t'ordni pubbliku. Tant hu hekk li fil-kamp penali, l-preskrizzjoni tal-azzjoni tista' tigi sollevata anke ex officio mill-Qorti; tista' titqajjem kemm fi stadju tal-prim'istanza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u l-preskrizzjoni l-anqas ma tista' tigi rinunzjata mill-imputat u ghalhekk id-difiza ma setghet qatt tirrinunzja ghal tali eccezzjoni kif del resto ghamlet quddiem l-Ewwel Qorti nhar l-24 ta' Frar, 2023 rrinunzjat ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Dan kollu jfisser anke skond dak ritenut fl-imsemmija sentenza ta' Renald Micallef illi l-*iter* processwali dwar in-notifika tal-atti gudizzjarji fil-kors ta' procediment kriminali jkun irid jirrizulta car mill-atti tal-kawza. U jrid jirrizulta car, kemm bil-mezz tax-

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-22 ta' Mejju 2022

xiehda kif ukoll bil-mezz ta' dokumentazzjoni, kemm ghall-Qorti tal-Magistrati fil-prim'istanza kif ukoll ghall-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tieni stanza. Altrimenti, jekk l-atti jkunu jissodisfaw lill-Qorti tal-Magistrati, izda ma jkunux jinsabu fil-process meta dan jasal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif tkun tista' din il-Qorti taghmel l-evalwazzjoni taghha dwar jekk imputat ikunx gie debitament notifikat jew le? Fi ftit kliem, jekk il-Qorti tal-Magistrati jkollha quddiemha dokument li juri li l-imputat gie notifikat bl-avviz tas-smiegh u citazzjoni, dak id-dokument irid jibqa' jidher fil-process anke wara li jkun instema' l-kaz u anke meta dan il-process jispicca quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan huwa importanti kemm jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tkun giet sollevata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kemm jekk ma tkunx. Dan peress li din l-eccezzjoni tista' dejjem tigi ollevata mill-parti interessata fi stadju t' appell, jew sahansitra tista' tigi sollevata mill-Qorti tal-Appell Kriminali ex officio.

Allura minn dan isegwi li jekk l-atti ma jkunx fihom l-evidenza dokumentarja u/jew testimonjarja dwar il-fatt li l-imputat ikun gie notifikat u f'kaz affermattiv, meta, din il-Qorti ma tkunx f'qaghda li tghid b'sikurezza jekk u/jew meta l-imputat ikun gie notifikat. U galadarba n-notifika trid tirrizulta b'mod sikur, u mhux fuq bazi ta' probabilita, jekk dik l-evidenza tkun nieqsa mill-process, b'mod partikolari f'kaz fejn tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-prezunzjoni trid tmur favur tal-imputat u mhux kontra tieghu. Jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx f'qaghda li tipprova li c-citazzjoni tkun giet notifikata u f'kaz affermattiv meta, din il-Qorti ma tistax tqis li l-imputat ikun gie notifikat. In-notifika trid tirrizulta b'mod sikur u ma tistax tigi assunta jew dezunta minn provi mhux sodi jew dikjarazzjonijiet fl-atti mhux sorretti minn evidenza soda.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' riferta pozittiva li tkun tinstab fl-atti u/jew xiehda testimonjarja dwar l-istess, din il-Qorti tqis li ma giex sodisfacentement pruvat mill-Prosekuzzjoni li l-appellant verament gie notifikat fiz-zmien regolamentari u b'hekk il-kawza kellha tigi ritenuta preskritta.

Illi minn ezami ta' l-atti jidher li fl-ewwel seduta u cioe nhar l-24 ta' Frar 2023 id-difiza tablet lill-proskeuzzjoni sabiex tipprezenta in-notifika tal-appellant u dan ghaliex iddikjarat li jista' jkun li l-kawza hija preskritta (fol. 7). Dakinhar stess il-prosekuzzjoni iddikjarat li hija sprovista mill-istess stante li din il-kawza hija ta' kawza ta' vjolenza domestika u ghalhekk in-notifiki jinsabu ghand skwadra ohra.

Galadarba l-kawza kienet estinta minhabba l-preskrizzjoni, l-Ewwel Qorti messha waqfet hemm galadarba l-kawza kienet estinta, u dan ghaliex ma kienx hemm aktar lok ghal procediment kontrih.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qieghda tilqa' l-appell maghmul minn Alexander Michael Mifsud u filwaqt li tiddikjara li l-azzjoni kontra tieghu kienet estinta minhabba l-preskrizzjoni, tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija, piena u konsegwenza.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**